**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud )**

**vs**

**Mahmoud Mesto**

**Kumpilazzjoni 197/2018**

**Illum 21 ta' Mejju 2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata **Mahmoud Mesto** detentur tar-Refcom 19599/15 billi huwa akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar l-1 ta' April, 2018 go Triq il-Qaliet Marsaskala, ghall-habta ta' bejn is-saghtejn ta' filghodu (02:00 hrs);

1. Ikkometta hsara volontarja fuq il-vettura tal-ghamla Mercedes Benz tip 270CDI Avantgarde bin-numru tar-registrazzjoni HEL786 ghad-detriment ta' Darren Robert Mercer billi tefá flixkien tal-hgieg u gebel lejn il-karozza msemmija u dan bi ksur tal-Artikolu 325(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkustanzi, volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew sahha, u cioe offiza ta' natura hafifa fuq il-

persuna ta' Nazzareno Dalli hekk skond ma iccertifika Dr david Grech MD (Reg. No. 3585) u dan bi ksur tal-Artikolu 221 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Ukoll talli talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, volontarjament, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor;

4. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied, kif ukoll hagha u kliem fahxi;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi f'lok pubbliku jew f'post miftuh ghall-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista jiehu hsieb tieghu nniffsu

Il-Qorti giet gentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Mahmoud Mesto, a beneficcju ta' Nazzareno Dalli u l-familja tieghu u dan fit-termini tal Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta htija, biex tipprovdi ghall-persuni ta' Nazzareno Dalli u l-familja tieghu jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Mahmoud Mesto b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (*a fol.*14) datat 2 ta' April 2018 u f'liema seduta l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet, waqt is-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Ikkunsidrat:

***XHIEDA***

F'dan il-process xehdu sebgha (7) xhieda kif gej:

Dr. David Grech (*a fol* 28 et. seq.); Nazzareno Dalli (*a fol* 30 et. seq.); Redlene Brincat (*a fol* 35 et. seq.); PS 654 Elton Bondin (*a fol* 41 et. seq.); PC 705 Adrian Borg (*a fol* 45 et. seq.); PC 925 Melchior Bruno (*a fol* 47 et. seq.); PC 1569 Daryl Farr (*a fol* 49 et. seq.).

**Decide:**

Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li ghandu jigi applikat Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-ghan li l-imputat jkompli miexi fit-triq it-tajba u jaghraf ma jergghax jirrepeti l-izball li huma kkommetta.

Ghaldaqstant, il-Qorti, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u wara li rat u senjatament Artikoli 221(1), 325(1), 383 u 412(C) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Mahmoud Mesto hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u billi l-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat Mahmoud Mesto taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tlett (3) snin millum, liema ordni huma soggetti ghall-

kondizzjonijiet elenkati fid-Digrieti moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza.

*Ai termini* tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordnijiet ta' *probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu tal-ordni ta' *probation,* jista' jinghata sentenza ghar-reat li taghhom instab hati b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' *probation* moghtija b'Digrieti ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal/i tal-*probation* biex ikun/u responsabbli ghas-sorveljanza tal-imputat Mahmoud Mesto.

*In oltre*, b'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Protezzjoni skont id-digriet hawn anness.

Finalment il-Qorti wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9, torbot lill-hati b'garanzija personali fil-konfront ta' Nazzareno Dalli u l-familja tieghu taht penali ta' elfejn ewro (€2,000) ghal zmien sena mil-lum.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**